

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Ħlas

Kitba ta' Joseph Giorgio



F'Malta d-devozzjoni lejn Ommna Marija hija waħda mifruxa sew. Il-Madonna hija vvenerata taħt diversi titli. Nistgħu ngħidu wkoll li d-devozzjoni lejn il-Verġni Imbierka hija waħda antika, tant li taf il-bidu tagħha sa mill-miġja tal-Appostlu San Pawl f'pajjiżna.

Ommna l-knisja, minn dejjem ħasset il-bżonn li lill-Verġni Mbierka tonoraha, u mal-medda taż-żmien waqqfet bosta Santwarji jew knejjes li fihom id-devoti tagħha jagħtuha ġieh. Waħda minn dawn il-knejjes tinsab fit-trankwilità tal-kampanja Maltija fi triq li tgħaddi minn Ħal Qormi għal Ħaż-Żebbuġ. Il-Knisja tinsab fi pjazzetti ċkejkna, imżejna b'siġar kbar u bi statwa tal-ġebel ta' Santa Marija mtella' is-sema. Il-knisja hija magħrufa bħala "Tal-Madonna tal-Ħlas".

Din il-knisja antika hija magħduda ma' kappelli oħrajn, filjali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi. Il-knisja tal-Madonna tal-Ħlas ġiet mibnija fuq pjanta ta' Lorenzo Gafà, arkitett magħruf. Hija knisja mdaqqsa, meta tqis li hija knisja tal-kampanja u miżmuma tajjeb ħafna. Il-kwadru titulari li naraw illum fil-knisja, juri lil Sidtna Marija mtella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem, minn numri ta' Anġli. Fil-1988, dan il-kwadru ġie restawrat. Wara li tlesta r-restawr, il-kwadru ġie meħud lura mill-knisja Arċipretali ta' San Ġorġ b'pellegrinaġġ immexxi mill-Arċipriet u l-Kleru tal-Parroċċa. Ħafna ħadu sehem f'dan il-Pellegrinaġġ li matulu fit-triq ġie rreċitat ir-Rużarju Mqaddes. Il-kwadru huwa xogħol, il-pittur Francesco Zahra. Ir-restawr fuq il-kwadru kien sar b'inizjattiva tas-Sur Ġorġ Mangion, li għal ħafna snin kien jieħu ħsieb il-knisja tal-Madonna tal-Ħlas. Fuq dan l-inkwadru hemm inkwadru ovali li juri lill-Missier Etern. Imbagħad fl-absida jew l-arżella hemm pittura oħra. Din turi l-inkurunazzjoni ta' Ommna Marija fis-sema mit-Trinità Qaddisa.

Jekk nidħlu fis-sagristija insibu xi kwadri antiki Ex-voto u fuq xi wħud minnhom insibu, bħal fuq inkwatri oħrajn bħalhom fi knejjes oħrajn; l-ittri V.F.G.A. li jfissru *Fatto Grazia Accettata*, dan bil-Malti jfisser li d-donatur tal-kwadru jkun qala' l-grazzja. Hemm wkoll kwadru antik tal-Madonna tal-Ħlas. Dan kien ġie restawrat fil-1979 biex ikun ipriservat kif inhu xieraq għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-kwadru jippreżenta lilll-Madonna tal-Ħlas (Santa Marija) tiela' s-sema. Jidher San Pawl fuq il-lemin u San Ġwann il-Battista fuq ix-xellug. Intagħżlu dawn iż-żewġ qaddisin għax San Ġwann kien il-protettur tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u San Pawl bħala l-Protettur ta' Malta.

Bħal ħafna mill-knejjes tal-kampanja Maltija, din il-knisja għandha mal-faċċata plakka li tgħid: *Non Gode L'Immunità Ecclesiastica* jiġifieri ma tgawdix il-privileġġ ta' ħarsien mil-liġi. Fuq iż-żewġ naħat taz-zuntier hemm bħal loġoġ bl-imwejjed u bankijiet tal-ġebel li jfakkruna fi żmien l-imgħoddi tagħna meta niesna kienu jmorru jagħtu l-ewwel qima lill-Madonna u mbagħad jagħddu ġurnata fil-hemda u serħan ta' dak il-post arjuż, jieklu u jixorbu.

Il-knisja tal-Madonna tal-Ħlas, hija l-iktar magħrufa għall-Preżentazzjoni tat-trabi. Bosta huma dawk il-koppji li jiġu jippreżentaw lit-trabi tagħhom lill-Madonna. Hawnhekk ma jsirux biss Preżentazzjonijiet, iżda wkoll quddies. Dawk kollha li jkollhom bżonn tagħrif għandhom jikkuntattjaw lill-Arċipriet Dun Anton Cassar.

Din is-sena jaħbat l-għoxrin anniversarju mill-mewt tal-Avukat u Poetà Qormi Ġorġ Zammit (1908 – 1990). F'waħda mill-isbaħ Poeżiji tiegħu, Ġorġ Zammit "L-Għanja tas-seba' niċeċ" imma jgħid hekk meta jżur dan is-Santwarju:

*Għaqqadt talbi mat-talb ta' min imċekken*
*Mill-imrar ta' din il-ħajja ħass minn qalbu*
*Ħierġa s-sejħa tan-niket u inti smajtu*
*U ferħet l-Omm bil-ġmiel ta' frott l-imħabba.*

Ejjew nersqu lkoll kemm aħna, speċjalment Qriema, lejn Ommna Marija u Omm il-bnedmin kollha. Hija dejjem lesta biex tfarraġna f'kull stat li nkunu fih. Nafdaw fiha u nitolbu dak kollu li jkollna bżonn. Il-festa tal-Madonna tal-Ħlas tiġi ċċelebrata kull sena, fl-ewwel Ħadd li jiġi wara l-festa ta' Santa Marija. (Il-festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.) Filgħodu ssir quddiesa solenni, quddiesa oħra filgħaxija u wara ssir fiera organizzata mill-Kumitat Festi Esterni ta' San Ġorġ.